MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 376/2002/1

**Henry Caruana**

**vs**

**Avukat Dr. Renzo Porsella Flores nominat b'digriet tas-27 ta' Frar 2002 kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Christine Vetter.**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500), danni sofferti f'incident tat-traffiku li ssehh fit-23 ta' Dicembru 2000 meta l-konvenuta li kient qeghda ssuq il-vettura numru EAK 286 ikkagunat hsara fil-vettura propjeta ta' l-attur DAO 443.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha l-kuratur iddikjara li huwa m'huwiex edott mill-fatt tal-kawza u

rrizerva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li jinghata taghrif dwar fejn tista’ tinsab il-konvenuta.

Semgha x-xhieda mressqa mill-attur.

Ra d-dokumenti.

It-Tribunal huwa tal-fehma li mill-provi mressqa l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza. Jigi rilevat ukoll li ghalkemm jirrizulta li l-kuratur ipprova jakkwista taghrif fejn jista’ jikkomunika mal-konvenuta assenti, dan ma rnexxilux.

Fic-cirkostanzi m’hemm l-ebda raguni ghalfejn it-Tribunal m’ghandux iqies li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-atturi m’hijiex kredibbli. Fl-okkorrenza li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad li l-konvenuta allegat li l-attur kien irriversja ghal fuq il-vettura misjuqa minnha. Mill-provi rrizulta li l-attur ried johrog ghal fuq Triq Dragona, San Giljan u ma rrizulta l-ebda raguni ghalfejn jew skop ghalfejn l-attur kellu jirriversja. Pjuttost it-Tribunal jemmen li l-konvenuta pprovat tghaddi fi spazju dejjaq [ara skizz a fol. 33] u ma rnexxilhiex.

B’riferenza ghad-danni dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident ta-traffiku meritu tal-kawza, jikkundannaha thallas is-somma ta’ mitejn u hamsa u tletin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm235.75).

Bl-imghax mil-lum.

Spejjez kontra l-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------